

## AVVIŻ TA' POŻIZZJONI VAKANTI GĦAT-TFASSIL TA' LISTA TA' RIŻERVA

Titolu tal-impjieg	<b>Speċjalista tal-Komunikazzjoni (M/F)</b>
Grupp ta' funzjoni/grad	AD 6
Tip ta' kuntratt	Aġent Temporanju
Referenza	EXT/23/11/AD6/CS - Communication Specialist
Skadenza għall-applikazzjonijiet	<b>16/02/2023 23:59 Ħin ta' Alicante (CET)</b>
Post tal-impjieg	Alicante, SPANJA
Lista ta' riżerva (LR) valida sa	31/12/2024
Numru ta' kandidati fuq il-Lista ta' Riżerva	10

L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) qed jorganizza proċedura ta' għażla sabiex ifassal lista ta' riżerva li minnha timtela' pożizzjoni vakanti ta' **Speċjalist tal-Komunikazzjoni fis-Servizz tal-Komunikazzjoni (CS)**. Is-servizz huwa responsabbli mir-reputazzjoni korporattiva, ir-relazzjonijiet tal-media, il-media soċjali u l-komunikazzjonijiet tal-web.

### 1. SFOND

#### 1.1 L-EUIPO

Aktar minn [25 sena ta' ħidma](#) fuq il-PI kkonsolidaw [l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea \(EUIPO\)](#) bħala l-aġenzija indipendenti, awtofinanzjata, u mingħajr skop ta' qligħ tal-Unjoni Ewropea (UE) responsabbli mir-reġistrazzjoni ta' trademarks u disinji fl-UE u waħda mill-organizzazzjonijiet l-aktar teknoloġikament avvanzati u innovattivi fid-dinja tal-proprjetà intellettwali.

L-Uffiċċju ilu sa mill-2013 responsabbli mir-riċerka dwar il-proprjetà intellettwali, il-komunikazzjoni, il-kondiviżjoni tal-għarfien u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-infurzar, li jkopru d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali kollha, permezz tal-Osservatorju Ewropew dwar il-Ksur tad-Drittijiet tal-proprjetà intellettwali (l-Osservatorju).

L-EUIPO ma joperax biss fl-Ewropa, issa kabbar l-impronta tiegħu għall-ħames kontinenti u, pereżempju, qed jimplementa proġetti tal-UE dwar il-proprjetà intellettwali fiċ-Ċina, fix-Xlokk tal-Asja, fl-Amerika Latina, fil-Karibew u fl-Afrika.

L-EUIPO jgawdi minn lokazzjoni privileġġata ma' xatt il-baħar f'[Alicante](#) f'kampus li għadu kif ġie inawgurat fejn il-persunal jibbenefika mill-faċilitajiet tal-EUIPO (bħas-servizzi bl-imnut, il-faċilitajiet tal-isport, eċċ.). Barra minn hekk, f'Alicante hemm Skola Ewropea. Il-pożizzjoni ġeografika tiegħu f'Alicante hija konnessa sew, b'konnessjonijiet tal-ferrovija ta' veloċità għolja għal ħafna postijiet u tospita r-raba' l-akbar ajruport fil-pajjiż.

Il-lingwi ta' ħidma tal-Uffiċċju huma l-Ingliż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, it-Taljan u l-Ispanjol.

[Aktar informazzjoni](#)

## 1.2 Is-Servizz ta' Komunikazzjoni

Is-Servizz ta' Komunikazzjoni (CS) huwa responsabbli mill-attivitajiet u l-operazzjonijiet kollha relatati mal-ġestjoni tal-istrateġiji tal-komunikazzjoni kif ukoll l-eżekuzzjoni ta' kemm il-komunikazzjonijiet interni kif ukoll dawk esterni, għall-allinjament tal-identità korporattiva tal-EUIPO fl-attivitajiet kollha tal-Uffiċċju.

## 2. DMIRIJET

Taħt ir-responsabbiltà diretta tal-Kap tas-Servizz, il-kandidat magħżul se jkun mistenni li jwettaq il-kompiti li ġejjin:

- Jipprovdi għarfien espert tekniku u appoġġ lill-maniġment superjuri fil-qasam tal-komunikazzjoni strateġika, inkluż il-kitba u l-editjar ta' diskorsi u komunikazzjonijiet oħra ta' livell għoli;
- Jipprepara, jabbozza u jirrevedi materjal ta' komunikazzjoni bil-miktub bħal artikli, aħbarijiet, artikli ta' opinjoni, daħliet u xogħol ta' kkupjar b'mod ġenerali;
- Jiżgura l-koordinazzjoni editorjali tal-kanali u l-pjattaformi tal-media soċjali, kif ukoll jipproduċi l-kontenut għall-media soċjali;
- Jappoġġa r-relazzjonijiet tal-media, inkluż it-tnejjja u l-editjar ta' stqarrijiet għall-istampa, punti ta' taħdit, intervisti u laqgħat għall-media;
- Jappoġġa l-produzzjoni ta' riżultati multimedjali, b'mod partikolari kitbiet;
- Ifassal u jimplimenta kampanji ta' komunikazzjoni kemm diġitali kif ukoll offline b'enfasi fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-kontenut;

### Dmirijiet applikabbli għall-persunal kollu:

- Jaħdem b'mod attiv biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-EUIPO, f'konformità mal-Pjan Strateġiku;
- Iwettaq kwalunkwe dmir u responsabbiltà oħra relatati max-xogħol li jistgħu jiġu assenjati mis-superjur ġerarkiku dirett.

## 3. KRITERJI TA' ELIĠIBILTÀ

Sabiex ikunu ammissibbli għal din l-għażla, il-kandidati **għandhom** jissodisfaw il-kundizzjonijiet **kollha** li ġejjin sa mhux aktar tard mill-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet:

### 3.1 Kundizzjonijiet ġenerali<sup>1</sup>

- **Ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;**
- Igawdu mid-drittijiet kollha bħala ċittadini;
- Ikunu ssodisfaw kwalunkwe obbligu impost mil-liġijiet dwar is-servizz militari;
- Jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-karattru dwar l-adegwatezza għat-tweqqiq tad-dmirijiet involuti;
- Ikunu fiżikament f'saħħithom sabiex iwettqu d-dmirijiet.

### 3.2 Edukazzjoni

- Ikollhom livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal **studji universitarji mitmuma ta' mill-inqas tliet snin** iċċertifikati b'diploma.

<sup>1</sup> Ara l-Artikolu 12 tal-Kundizzjonijiet ta' Impjeg ta' l-Addiema Oħrajn tal-Unjoni Ewropea

### **3.3 Esperjenza/għarfien professjonali<sup>2</sup>**

- Ikollhom minimu ta' **tliet snin ta' esperjenza professjonali rilevanti full-time** fir-rigward u fil-livell tal-kompiti deskritti taħt "Dmirijiet";

### **3.4 Fihiet lingwiċi**

- Ikollhom għarfien **profond tal-Ingliż (livell minimu C1) - Lingwa 1**;
- Ikollhom **għarfien tajjeb** ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE (**livell minimu B2) - Lingwa 2<sup>3</sup>**.

Il-livelli indikati jikkorrispondu għall-[Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi](#).

### **3.5 Fihiet tal-kompjuter**

- L-għarfien avanzat tal-kompjuter huwa obligatorju. Il-kandidati għandu jkollhom esperjenza professjonali estensiva fl-applikazzjonijiet tal-kompjuter bħall-pakkett tal-MS Office jew simili (prinċipalment Word, Excel, PowerPoint, Outlook), bażijiet ta' *data* u tiftix fuq l-Internet.

## **4. KRITERJI TAL-GĦAŻLA**

Sabiex jintgħażlu l-kandidati l-aktar kwalifikati għall-intervista u għall-fażi tat-test possibbli, l-Uffiċċju se jqis dawn li ġejjin:

1. Mill-inqas sitt snin esperjenza professjonali fil-qasam tal-Komunikazzjoni fir-rigward tal-kompiti deskritti taħt "Dmirijiet";
2. Esperjenza ta' ħidma f'ambjenti multikulturali;
3. Esperjenza professjonali fid-disinn u fl-implimentazzjoni ta' strateġiji u azzjonijiet ta' komunikazzjoni u fl-għoti ta' pariri lill-maniġment superjuri fil-qasam tal-komunikazzjonijiet strateġiċi;
4. Lawrea universitarja jew postgraduatorja f'qasam rilevanti (eż. Ġurnaliżmu, Relazzjonijiet Pubbliċi, Kummerċjalizzazzjoni, Komunikazzjoni, jew qasam relatat);
5. Esperjenza preċedenti ta' ħidma fi ħdan l-Istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korp tal-UE fil-qasam tad-dmirijiet;
6. Esperjenza fl-użu tal-istrateġiji, l-għodod u t-teknoloġiji (tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku) l-aktar riċenti fil-qasam tal-komunikazzjoni.

Minbarra l-kriterji ta' hawn fuq, il-kandidati mistiedna għall-intervista u l-fażi tat-test se jru jgħu vvalutati wkoll għar-rekwiżiti li ġejjin:

### **Kompetenzi**

- **Komunikazzjoni:** jikkomunikaw b'mod ċar u preċiż kemm bil-fomm kif ukoll bil-kitba;
- **Analiżi u Soluzzjoni ta' problemi:** il-kapaċità li jidentifikaw il-fatti kritiċi fi kwistjonijiet kumplessi u jiżviluppaw soluzzjonijiet kreattivi u prattiċi;
- **Ħidma mal-Oħrajn:** jaħdmu b'mod kooperattiv ma' oħrajn f'timijiet u bejn konfini organizzattivi u jirrispettaw id-differenzi bejn in-nies; joħolqu sens ta' spirtu ta' tim billi jħeġġu miri kondiviżi u skambju ta' għarfien u esperjenza;
- **Tagħlim u Żvilupp:** jiżviluppaw u jtejbju l-fihiet personali u l-għarfien tal-organizzazzjoni u tal-ambjent tagħha; jimpenjaw ruħhom li jħarrġu lil persuni oħrajn, jikkondividu l-għarfien u jtejbju b'mod sistematiku l-metodi ta' ħidma;

<sup>2</sup>L-esperjenza professjonali tingħadd mid-data ta' meta tinkiseb id-diploma meħtieġa taħt punt 3.2.

<sup>3</sup> Din il-lingwa jeħtieġ li tkun differenti mil-Lingwa 1.

- **Prijoritizzazzjoni u Organizzazzjoni:** il-kapaċità li jiprijoritizzaw l-aktar kompiti importanti, jaħdmu b'mod flessibbli u jorganizzaw l-ammont ta' xogħol tagħhom u tal-oħrajn b'mod effiċjenti;
- **Kwalità u Riżultati:** jieħdu responsabbiltà personali u inizjattiva biex iwasslu xogħol ta' standard ta' kwalità għolja skont proċeduri stabbiliti; juru orjentazzjoni ċara lejn il-konsumatur (interna u esterna); jibnu proċessi sistematiki u metodiċi fil-proġetti u fil-ħidma tagħhom u tat-tim tagħhom;
- **Reżiljenza:** jibqgħu effettivi taħt il-pressjoni tax-xogħol, ikunu flessibbli u jadattaw għal ambjent tax-xogħol li dejjem jinbidel; iħeġġu lill-oħrajn sabiex jagħmlu l-istess u jaġġustaw l-approċċ personali tagħhom u tat-tim sabiex iħaddnu ċ-ċirkostanzi li dejjem jinbidlu;
- **Tmexxija:** imexxu u jiġġestixxu lin-nies u lit-timijiet sabiex jiksbu r-riżultati; jiddelegaw ix-xogħol fit-tim tagħhom stess b'mod adegwat u jipprovdu direzzjonijiet ċari; jispiraw entużjażmu u attitudni pożittiva fin-nies dwar xogħolhom u l-kontribut tagħhom għas-suċċess tal-EUIPO.

## 5. INTERVISTI U TESTIJET

### Prekwalifikazzjoni

Il-kandidati ammissibbli li l-applikazzjonijiet tagħhom jikklassifikaw fost l-aħjar kwalifikati skont il-kriterji tal-għażla spjegati fil-punt 4, jistgħu jiġu kkuntattjati sabiex jiġu vverifikati l-ħiliet lingwistiċi tagħhom (b'mod partikolari, il-produzzjoni mitkellma bl-Ingliż), kif ukoll biex jagħtu prova tal-esperjenza professjonali tagħhom u/jew ħiliet, għarfien u kompetenzi oħra tagħhom. Dan il-kuntatt ta' qabel l-għażla ma jintitolax lill-kandidati għal stedina għall-intervista: huwa pass fl-għażla tal-kandidati l-iktar xierqa biex jiġu mistiedna għall-intervista.

### Intervista

L-intervisti se jsiru virtwalment u, minħabba n-natura tad-dmirijiet, se jsiru bl-Ingliż. Lingwi rilevanti oħra kif iddikjarati fl-applikazzjoni/fis-CV tal-kandidat jistgħu jiġu vvalutati f'konformità mal-livelli indikati f'dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti.

L-intervista se tittestja l-għarfien tal-kandidat dwar kwistjonijiet li huma relatati mad-dmirijiet li għandhom jitwettqu (għarfien tekniku u kompetenzi ta' mġiba), l-attivitajiet tal-Uffiċċju, l-għarfien tal-UE, l-adeqwatezza għat-twettiq tal-kompiti li għandhom jitwettqu u l-adeqwatezza għal ħidma f'ambjent internazzjonali.

Il-kandidati msejħa għall-intervista se jintalbu jiproduċu r-referenzi professjonali xierqa qabel ma jattendu l-intervista.

### Test(ijiet)

Test wieħed jew diversi testijiet se jikkompletaw il-valutazzjoni ta' wieħed mill-aspetti ta' hawn fuq jew ta' diversi minnhom. Il-kandidati mistiedna għall-intervista u għall-fażi tat-test ser jirċievu informazzjoni dettaljata mal-istedina.

## 6. INFORMAZZJONI ĠENERALI

Għal informazzjoni ġenerali dwar il-proċeduri tal-għażla u r-reklutaġġ fl-EUIPO, jekk jogħġbok irreferi għal-[link](#) li ġejja.

## 7. KIF TAPPLIKA

Biex tapplika, jekk jogħġbok ikklikkja fuq din il-[link](#).

Id-dokumenti kollha inklużi bħala links jew li ssir referenza għalihom fi hndan il-kuntest ta' dan l-avviż huma kkunsidrati bħala parti mill-avviż ta' pożizzjoni vakanti.

### Importanti:

Il-kandidati għandhom jinnotaw li l-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni/fis-CV/fil-profil tagħhom tikkostitwixxi bażi għall-valutazzjoni tal-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għażla. Għalhekk, huma mistiedna jaqraw ir-rekwiżiti bir-reqqa u jipprovdu l-informazzjoni rilevanti f'tali dettal sabiex din il-valutazzjoni tkun tista' titwettaq. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-informazzjoni dwar l-edukazzjoni u l-esperjenza professjonali tagħhom, b'mod partikolari d-dati eżatti, id-deskrizzjoni tar-responsabbiltajiet, id-dmirijiet imwettqa u l-għodod użati.

*\*F'każ li jkun hemm diskrepanzi bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi, dik tal-Ingliż għandha titqies bħala l-verżjoni korretta*